# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 312/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Attard)

vs

**James Armand Borg**

iben Peter Paul, imwieled Pieta', fis-6 ta' Ottubru, 1994, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 449794(M)

Illum, 5 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant James Armand Borg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-16 ta' Mrzu, 2014 ghal habta tas-7.00 a.m. fi Triq Sant Andrija, Swieqi

(1) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAJ 369 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(2) Gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs meta kien mitlub hekk skont il-ligi;

(3) Saq l-imsemmija vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAJ 369 minghajr ma kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.
Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Lulju, 2014 fejn dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A u 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta lliberat lill-akkuzat mit-tielet (3) akkuza u sabitu hati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza u ikkundannatu li jhallas multa ta' elf u mitejn euro (€1,200) u ssospenditlu l-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant James Armand Borg ipprezentat fit-8 ta' Lulju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-liberazzjoni in konnessjoni mat-tielet akkuza.

Thassar u tirrevoka s-sentenza nkwantu ghall-ewwel u it-tieni akkuza, fejn l-imputat kien instab hati u gie mmultat is-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200) u sitt (6) xhur sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, fis-sens illi l-akkuzat ghandu jigi lliberat minn dawn l-akkuzi, imputazzjonijiet u piena ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija.

Subordinament, jekk ghal ragunijiet taghha, din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-akkuzi appellati jirrizultaw, ghandha, minhabba l-fatti specjali tal-kaz tnaqqas il-piena nflitta mill- Ewwel Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':

**A. Evidenza li ma hijiex korroborata**

Illi mill-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti, jirrizulta li l-Prosekuzzjoni gabet biss prova ta' pulizija wiehed, cioe ta' PC1537 Paul Falzon li qal li xamm riha ta' xorb fuq l-akkuzat, PS 587 Joseph Mallia li wkoll gie f'kuntatt mal-akkuzat fl-Ghassa ta' San Giljan, fl-ebda hin ma

kkorobora x-xhieda ta' PC 1537 u fl-affidavit tieghu mkien ma xehed li l-akkuzat kellu riha ta' alcohol.

Illi li kieku verament l-appellant kellu riha daqstant qawwija ta' alkohol fuqu, zgur li kien ikun dettall notevoli li ma jahrabx l-attenzjoni ta' PS 587, wisq iktar meta l-kaz odjern idur fuq il-presunt tehid tal-alcohol.

Illi filwaqt li PC 1537 jixhed li kien ra lill-appellant isoff mustardina tal-minta, PS 587 ma rax lill-appellant jiehu tali helu. PS 587 la ra u lanqas seta' jkun cert li l-appellant kien ha mustardina imma qaghad biss fuq dak li qallu PC 1537. PS 587 lanqas ma ra l-vettura tal-appellant u ma setax ikun jaf li fil-karozza kien hemm wrapping tal-helu li kieku ma qallux PC 1537. Ghalhekk, ix-xhieda ta' PS 587 hija bbazata fuq cirkostanzi li effettivament la ra u lanqas jista' jkun cert dwarhom, tali li jirrendi din ix-xhieda nammissibbli fuq dan il-punt.

Illi fi kwalunkwe kaz, il-verzjoni ta' PC 1537 u ta' PS 587 hija kontradetta mill-appellant li jikkontesta bil-qawwa kollha li huwa ha mustardina sabiex ifixkel kampjun tan-nifs!

Illi ghalhekk, mill-assjem tal-provi in atti, mhux biss jezisti kunflitt ta' provi, izda l-kaz huwa bbazat fuq xhieda li ma hijiex korroborata, u konsegwentement, kunflitt ta' provi jew diskrepanzi fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ghandhorn imorru favur l-imputat

**B. Evidenza nkonklussiva**

Illi l-prova ewlenija li setghet, bhala stat ta' fatt, tikkonferma o meno l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-esponent li fost l-ohrajn kien qed isuq vettura taht l-effett tal-alkohol jew droga, huwa r-rizultat tat-test tal-kampjun tan-nifs.

Illi r-rizultat tal-imsemmi test kien wiehed inkonklussiv u ma jindikax jekk l-esponent kienx qabez jew le l-limiti ta' mikrogrammi ta' alkohol fin-nifs preskritti mil-ligi.

Illi sabiex il-Prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha rninghajr ebda dubju, ma tistax tistrieh fuq rizultati nkonklussivi izda kellha l-obbligu ggib provi iktar cari u fattwali li juru jekk l-esponent kienx fil-fatt taht l-effett tal-alkohol.

Illi billi kif jidher fl-atti, ir-rizultat tat-test tal-karnpjun tan-nifs immarka 'sustanza interferenti', dan wahdu ma jistax jaccerta li l-esponent kien taht l-effett tal-alkohol, Rizultat li jindika ‘sustanza interferenti' ma jimplikax twettiq ta' reat u il-Qorti ma kellhiex issib htija abbazi ta' prova insufficjenti u inkonklussiva sabiex tipprova l-kaz tal-Prosekuzzjoni.

Illi huwa car illi meta wiehed jinsab rinfacjat b'akkuza bhal dik appellata, il-Prosekuzzjoni ghandha ggib prova nekwivoka li turi li minhabba l-effett tax-xorb l-appellant ma kienx fi stat li jsuq jew jikkontrolla l-vettura tieghu.

**C. Nuqqas ta' apprezzament tajjeb tal-fatti**

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti.

Illi principalment, l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-fatt illi l-esponent kien qed isuq fil-hinijiet bikrin ta' filghodu ghaliex effettivament kien fi triqtu lejn il-post tax-xoghol f’lukanda fil-Mellieha.

Illi l-ambitu u l-isfond cirkostanzjali ma gewx ikkonsidrati mill-Ewwel Qorti, fost l-ohrajn il-fatt li l-esponent verament kien sejjer fuq xoghlu u ma kellu l-ebda skop jew hsieb li jaghmel lejl jixrob ezatt qabel jirrapporta ghax-xoghol.

Illi l-Ewwel Qorti lanqas ma hadet konjizzjoni tal-fatt li l-esponent huwa student-haddiem ezemplari fuq xoghlu. Il-Qorti giet murija 'Performance Report' mahrug mis-superjuri tal-esponent li juri illi huwa haddiem b'attribwiti eccellenti fuq xoghlu u dan jikkorrobora t-tezi tal-appellant li ma kien se jaghmel xejn li jxellef dan ir-rekord eccellenti tieghu, billi fost l-ohrajn jazzarda jkun sakran qabel imur ghax-xoghol.

Illi kif inhu spjegat f'sezzjonijiet ohra ta' dan l-appell, l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti anki ghaliex naqset li tirrikonoxxi li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni mhijiex korroborata, naqset milli tiehu konjizzjoni tal-fatt illi r-rizultat tal-kampjun tan-nifs kien inkonklussiv, naqset illi tara l-imgieba eccellenti tal-appellant u tal-konsistenza fix-xhieda tieghu, u naqset illi tikkonsidra l-fatt li fl-ebda hin ma gie attribwit li l-appellant kien qed isuq b'mod perikoluz li seta' jaghti lok ghal suspett li kien qed isuq taht l-effett tal-alkohol jew droga.

**D. Test oggettiv vs soggettiv.**

Illi l-Ewwel Qorti strahet biss fuq l-affidavit ta' ufficjal wiehed tal-Pulizija li stqarr li xamm riha ta' xorb fuq l-akkuzat - liema fatt fih innifsu ma jikkostitwixxix reat. Ix-xamm ta' riha fuq persuna huwa element soggettiv u prova li l-akkuzat kien qed isuq il-vettura tieghu taht effett tal-alkohol jew droga ghandu jigi pprovat b'testijiet oggettivi li ma jhallu ebda dubju.

Dan kif inhu spjegat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza ll-Pulizija vs Maximilian Camilleri, tal-5 ta' Frar 2014:

> *"Illi din il-Qorti trid tistrieh fuq affidavit ta' pulizija li xammet riha ta' xorb. Hawnhekk, ma sar ebda test oggettiv fejn wiehed jista' jirradika responsabilita. Mhiex kwistjoni jekk il-pulizija qalitx il-verita o meno. Il-kwistjoni hi li l-pulizija strahet fuq is-sens ta' xamm taghha. Dan ma hux xi test oggettiv. Il-ligi penali hi cara hafna. Is-soggettivita ma ghandhiex post f'dawn il-proceduri ghajr meta jkun hemm provi ohra oggettivi li jikkonvincu lil min qed jisma' dan l-appell li hemm provi bizzejjed u skont il-ligi biex l-appellant jigi misjub hati. Fl-aghar ipotezi ghatt-appellant hemm konflitt ta' provi:'*

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], The Police vs Matthew Philip Bunting, tat-28 ta' Mejju 2014, ukoll jinghad illi:

"On its own, smelling a strong smell of alcohol is not enough to prove that a person is unfit for driving."

Illi jekk kemm-il darba l-Pulizija ma kinitx sodisfatta bl-ezitu tat-tehid tal-kampjun tan-nifs, setghet hadet kampjun tad-demm u/jew tal-urina sabiex telimina kull dubju li seta' rrizulta fuq il-livell ta' alkohol fin-nifs tal-akkuzat, Il-fatt li dawn it-testijiet oggettivi ma sarux, hija mankanza da parti tal-Pulizija u ma ghandhiex tintuza kontra l-akkuzat, anki fid-dawl tal-fatt li l-prosekuzzjoni ghandha ggib l-ahjar prova, sabiex tipprova l-kaz taghha,

**E. Kundizzjoni li jsuq.**

Bl-ewwel imputazzjoni l-appellant gie akkuzat li saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

Illi l-Prosekuzzjoni imkien u fl-ebda stadju ma gabet prova illi l-appellant kien qieghed isuq b'mod perikoluz u/jew x'kien is-suspett li wassal sabiex il-Pulizija tikkonkludi li l-esponent kien qed isuq taht l-influwenza tal-alkohol. Fix-xhieda ta' PC 1537 johrog car illi r-raguni ghalfejn l-appellant intalab jaghti kampjun tan-nifs kien dovut ghall-fatt li kellu riha ta' xorb fuq persuntu u imkien ma jissemma' li saq b'mod perikoluz.

Kwindi l-unika haga illi l-appellant jista' jigi addebitat biha hija proprju li kellu riha ta' xorb fuqu. Din ic-cirkostanza fiha nnifisha ma hijiex reat.

Illi tant kellu kontroll shih tal-vettura, li l-Pulizija anki qalulu jipparkja l-vettura kif fil-fatt ghamel, Persuna taht l-effett tal-alkohol la tithalla terga ssuq, imqar jekk ftit metri, u jekk issuq b'mod negligenti, ikun dettal li jitnizzel fix-xhieda tal-Pulizija. Fix-xhieda ta' PC 1537, ma hemm l-ebda referenza li l-appellant saq jew ipparkja hazin.

Fil-kawza ll-Pulizija vs Sean Busuttil, tad-9 ta' Novembru 2011, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat dan il-punt u kkwotat is-subartikolu (2) tal-Artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li fil-fatt jipprovdi:

> *"Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita taghha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa."*

Il-Prosekuzzjoni ma gabitx prova kuntrarja li l-appellant dejjem kellu l-kontroll tal-vettura u fl-ebda mument ma kien ta' periklu ghalih jew inkella ghall-utenti l-ohra tat-triq.

Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova din il-mankanza ta' kapacita minghajr ebda dubbju, u fin-nuqqas, l-appell jimmerita akkoljiment.

**F. Kooperazzjoni maI-Pulizija**

Illi t-tieni akkuza migjuba konta l-akkuzat kienet li fl-Ghassa ta' San Giljan, irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs meta kien mitlub jaghmel dan.

Illi din l-akkuza hija ghal kollox kontradetta bix-xhieda li gabet il-Prosekuzzjoni stess billi kemm PC 1537 kif ukoll PS 587 xehdu illi l-esponent kien accetta li jittihidlu kampjun tan-nifs.

PC1537 jixhed illi:

> *"Wara li taghajtu (sic) s-soltu twissija, u infurmajtu li jekk jirrijjuta huwa reat minnu nnifsu, hu accetta li jaqhmel it-test ... ix-xufier ittiehed l-ghassa ta'San Giljan ... reggha accetta li jsiru t-test:"*

PS 587 jikkonferma wkoll illi:

> *"Wara li tajthu (sic) t-twissija gewwa l-ghassa huwa accetta li jaghti l-kampjun ta' nifs .. "*

Illi ghalhekk, huma tal-inqas zewg ufficjali tal-Pulizija li xehdu li l-esponent accetta li jsirlu t-test u fl-ebda hin ma xehdu li rrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs. Li kieku naqas li

jaghti l-kampjun, l-apparat ma kienx jimmarka l-prezenza ta' 'sustanza interferenti' billi din hija konkluzjoni li l-apparat jaghti f'cirkostanza ta' test li jkun sar tajjeb tant li jiggenera rizultat,
Illi ghalhekk it-tieni akkuza lanqas ma giet ipprovata mill-Prosekuzzjoni. Pjuttost, l-esponent kien kooperattiv hafna mal-Pulizija.

**G. Sustanza interferenti**

Illi l-Prosekuzzjoni attribwixxiet ir-rizultat ta' 'sustanza interferenti' fil-kampjun tan-nifs tal-esponent, ghall-fatt illi l-appellant kien qieghed jiehu helwa tal-minta fil-mument li twaqqaf mill-Pulizija waqt ir-road block. Il-Prosekuzzjoni tasal ghall-konkluzjoni illi mustardina tal-minta tikkontribwixxi ghal rizultat pervers fit-tehid tal-kampjun tan-nifs. Li mustardina tal-minta tfixkel it-tehid tal-kampjun li jkejjel il-livell tal-alkohol fin-nifs hija 'finzjoni' u studju wara l-iehor juri li min jemmen hekk ghandu tassew ghalfejn jiddeludi ruhu.

Illi bir-rispett kollu, it-tehid ta' mustardina tal-minta (bhal helu iehor], ghalkemm tista' tbiddel it-toghma f'halq il-persuna, bl-ebda mod ma tbaxxi l-livell ta' alkohol li jkun hemm fl-istonku ta' persuna. Anzi, ghall-kuntrarju, jekk xejn, jezistu mustardini, kif ukoll mouthwash, li fihom doza zghira ta' alkohol, li bit-tehid taghhom, pjuttost jizdied u mhux jonqos il-livell ta' alkohol fil-persuna.

Illi sussegwentement, kemm-il darba jrid jinghad illi t-tehid ta' mustardina tal-minta tikkontribwixxi ghal rizultat ta' 'sustanza interferenti', il-Pulizija suppost mgharrfa bizzejjed b'tahrig u manwali tal-uzu tal-apparat kif ghandha telimina din l-interferenza, billi fost l-ohrajn ikun hemm trapass ta' ftit minuti bejn kampjun u iehor sabiex tiddisipa kull tracca ta' sustanza interferenti fis-saliva tal-persuna.

Illi tali procedura jidher illi ma saritx jew kawza ta' negligenza jew nuqqas ta' gharfien professjonali min-naha ta' min applika t-tehid tal-kampjun. Il-Pulizija kellha kull dritt u opportunita li timxi mal-manwal u tapplika metodi sabiex tikseb rizultat mhux interferenti, izda naqset jew ma riditx taghmel dan.

Illi ghalhekk, jekk tassew il-Pulizija kellha suspett li mustardina tista' taffettwa rizultat ta' kampjun tan-nifs, kien messha stenniet ftit minuti sabiex l-effett tal-mustardina (jekk hemm effett) jitlaq u it-test jigi ripetut.

Galadarba t-test ma giex ripetut, ghandu jigi konkluz li l-Pulizija kienet sodisfatta bir-rizultat interferenti u ma tistax imbaghad, fi proceduri penali, tuza l-istess rizultat interferenti bhala prova kontra l-akkuzat. Zgur li nuqqasijiet min-naha tal-Pulizija ma ghandhomx jimmilitaw kontra l-akkuzat.

Ghal kull skop ta' certezza, il-Prosekuzzjoni kellha wkoll tikkonstata li l-apparat kien qieghed jahdem sew fil-mument li ttiehed il-kampjun tan-nifs.

**H. Rekord tal-imputat**

Illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari mix-xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta, gie stabbilit illi l-appellant ghandu rekord nadif fis-sewqan u li kien assikurat skont il-ligi fil-jum tat-16 ta' Marzu 2014.

L-imgieba passata tal-imputat kienet wahda tajba u dan il-fatt ghandu wkoll jitqies fl-apprezzament tal-fatti.

**I. Prova tal-kaz minghajr l-icken dubju**

Billi l-appellant tressaq quddiem qorti ta' gudikatura kriminali, u billi l-akkuzi kienu ta' natura penali, huwa principju ben stabbilit u applikat fil-gurisprudenza li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Kull prova li kellha ggib il-Prosekuzzjoni kellha tkun inekwivoka u li ma thalli l-ebda dubju ragjonevoli f'mohh il-gudikant dwar l-akkuzi migjuba kontra l-appellant.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, lr-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina tal-24 ta' April 2003, il-Qorti tippreciza:

*"Illi l-grad ta' prova li tilhaq il-Prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-Ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt: kif gie deciz fil-kawza "Pulizija vs Bugeja" tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.*

*Illi dan ifisser li l-Prosekuzzjoni ghandha l-obbliqu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre' kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera."*

Il-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] bhala QAorti ta' Gudikatura Kriminali wkoll esprimiet pozizzjoni cara dwar l-essenzjalita li l-kaz ikun ipprovat minghajr l-icken dubju, u fil-kawza 'Il-Pulizija vs. Charlton Debono' tal-10 ta' Dicernbru 2013 ikkundisrat li:

*"Qorti taghmel riferenza qhad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jan Spiteri u Il-Pulizija vs. Raymond Parnis, moghtija fit-22 ta' Ottubru 2008 u fit-2 ta' Mejju, 2012 rispettivament. Apparti minn dan, riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Keith Aquilina, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru 2009, fejn il-Qorti qalet hekk:*

"Ir-reading "tar-road side test" wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal gnall-konkluzjoni dwar il-htija ... u dan l-ahhar din il-

> Qorti kellha okkazjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jan Spiteri deciza fit-22 t' Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizjoni ghal min m'huwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero'dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni u sakemm il-Ligi tibqa' kif inhi, din il-Qorti thoss illi ghandha ssegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti in materia".

Mir-rizultanzi processwali jezistu dubji cari dettati mir-raguni u fejn ikun hemm dawn id-dubji ragjonevoli ghandu jkun hemm il-liberatorja. Fil-kaz odjern jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-akkuzi appellati kemm ghaliex ma huwiex veritiera li l-appellant ma kkooperax u/jew m'accettax li jittiehidlu kampjun tan-nifs (liema test effettivament sar), u kemm ghaliex ir-rizultat tal-kampjun tan-nifs ma weriex li l-appellant kien taht l-effett tal-alkohol jew droga.

In vista tas-suespost, l-Ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment issib htija skont l-akkuzi addebitati lill-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-1 ta' Lulju, 2014 quddiem l-ewwel Qorti kienu xehdu Stephen Cachia in rappresentanza tad-Dipartiment tal-Licenzji u l-appellant. Billi din il-kawza kienet wahda sommarja t-traskrizzjoni ta' xhieda ma saritx u ghalehkk din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2016 quddiem din il-Qorti l-unika persuna li offriet ix-xhieda taghha kienet Stephen Cachia. L-appellant ghazel li ma joffrix ix-xhieda tieghu. Kwindi, din il-Qorti ser tiddecidi dan l-appell fuq l-iskorta tax-xhieda ta' Stephen Cachia, tal-affidavits ta' PS587 Joseph Mallia u PC1537 Paul Falzon u tad-dokumenti ezebiti.

Illi jirrizulta li fis-16 ta' Marzu, 2014 il-pulizija kienu ghamlu 'road check' fi Triq Sant Andrija, is-Swieqi. Ghal habta tas-7.00 a.m. kienu waqqfu vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAJ 369 tal-marka Opel. PC1537 Paul Falzon mar kellem lis-sewwieq, li kien l-appellant, u fil-fehma tieghu l-appellant seta' kien qed isuq taht l-effett tal-alkohol ghaliexxamm riha qawwija ta' xorb fuq il-persuna tal-appellant. Induna li l-appellant kellu halqu f'halqu helu tal-menta. Talab lill-appellant biex johrog mill-vettura tieghu u biex jarmi l-helu li kellu f'halqu. Skont il-kuntistabbli kellu l-helu f'halqu biex ifixkel ir-rizultat tal-brerathalyzer. Ghalhekk, gara li l-appellant gie mehud l-ghassa ta' San Giljan biex isir it-test.

Illi mill-affidavit ta' PS587 Joseph Mallia jirrizulta li sar it-test izda dan kien fin-negattiv billi ma kienx qed jonfoq sew. Fl-ahhar test irrizulta li l-apparat immarka li kien hemm 'sustanza li tinterferixxi' u ghalhekk ma hareg ebda rizultat.

Illi fl-ewwel lok, il-pulizija ghandha a dispozizzjoni taghha diversi medoti ta' kif taghmel dan it-test. Dan jirrizulta minn qari tal-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt il-ligi tistipula li l-kampjun tan-nifs jista' jigi analizzat permezz ta' l-istrument approvat JEW kampjuni tad-demm u l-urina jmorru ghall-analizi f'laboratorju approvat. Ghalhekk, jekk il-pulizija hasbu li l-helu tal-menta seta' kellu effett imisshom talbu ghall-kampjuni tad-demm u tal-urina. Minbarra dan, ma saret ebda prova li l-helu tal-menta jista' jkollha xi effett fuq l-analizi finali tal-apparat uzat.

Illi hu car li f'dan il-kaz il-pulizija hadu l-linja ta' inqas rezistenza u fuq l-iskora tar-rizultat ta' l-apparat hargu l-akkuzi kontra l-appellant.  Huma veru li l-kuntistabbli xamm riha ta' xorb izda hu car li dan hu test soggettiv li maghandhux jinfluwenza l-uzu ta' testijiet ohra oggettiva li tipprovdi l-ligi.  Hawnhekk, qed issir referenza ghas-sentenza sopracitati mill-appellant.

Illi fic-cirkostanzi l-iskuza tal-pulizija li kien hemm sustanza li tinterferixxi mhux prova bizzejjed biex tigi radikata r-responsabilita' tal-appellant.

Illi t-tini akkuza tirrigwarda li l-appellant naqas jew li rrifjuta li jaghti l-kampjun tan-nifs lill-pulizija meta kien mitlub.  Fuq l-iskorta tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma tirrizulta ebda prova li tavalla din l-akkuza.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar l-ewwel u it-tieni akkuza.  Ma ssibx lill-appellant James Armand Borg hati ta' dawn l-akkuzi u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.  Tikkonferma s-sentenza appellata dwar it-tielet akkuza fejn l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.